**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 17 ta' April 2024**

**Rik. Div.Nru.: 599/2023 JPG**
**Kawza nru.: 21**

**CF**
**Vs**
**MS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur datat 9 ta' Novembru 2023, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-esponent zzewweg nhar 5 ta' Frar 2000 (vide kopja tac-certifikat anness u mmarkat bhala Dok A);*

2. *Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni- fl-atti tan-Nutar Rachel Busuttil datat l-10 ta' Ottubru 2016 kif emendat fis-17 ta' Marzu 2020 (vide kopja annesa u mmarkata bhala Dok Bi u Dok Bii);*

3. *Illi ma hemmx kwistjonijiet fir-rigward ta' manteniment jew kwistjonijiet ohra pendenti t'ebda natura bejn il-partijiet.*

4. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-2016 u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet anke peress li jghixu hajja separata (vide l-affidavit tar-rikorrenti anness u mmarkat bhala Dok C);*

5. *Illi jikkonkorru l-kriterji kollha necessarji rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-*

*zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghal dawn il-motivi r-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

i. *Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata MS hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*
ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata dehret ghas-seduta mhejjija minghajr assistenza legali u l-Qorti spjegatilha id-drittijiet legali taghha izda iddikjarat illi ma tehtiegx avukat difensur u mhux qed topponi ghad-divorzju;(vide fol 19)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CF xehed (vide affidavit fol 13)** u kkonferma illi il-partijiet izzewgu nhar il-5 ta' Frar 2000 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali datat 10 ta' Ottubru 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghall-rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet (vide xhieda fol 20)** u kkonfermat u kkorroborat x-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment***

> ***adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-5 ta' Frar 2000 liema zwieg jgib certifikat numru 105/2000 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3, Dok A). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppublikat fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil nhar l-10 ta' Ottubru 2016 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 105/2000 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**